# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2019**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 138/12JRM**

Vincent **FARRUĠIA**

vs

**KAP KMANDANT TAL-FORZI ARMATI TA' MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-9 ta' Frar, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-egħmil tal-Kap Kmandant imħarrek li ma jikkunsidrax kwalifiki akkademiċi miksuba mill-istess attur jikkostitwixxi nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u/jew ta' ħtiġijiet mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonjiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; (b) issib li l-istess egħmil wassal

għal abbuż ta' setgħa tal-awtorità pubblika billi sar għal għanijiet mhux xierqa; (ċ) issib li, b'riżultat ta' dan l-aġir, l-attur ġie mċaħħad minn promozzjonijiet li kien jistħoqqlu; (d) issib li, sa mis-sena 1990, l-attur kien eliġibbli li jiġi eżentat minn *Trade Test of Bandsman Group 'A' Classes III u II*; (e) tordna li l-Kap Kmandant imħarrek jagħtih il-promozzjonijiet li kien jistħoqqlu retroattivament u kif ukoll jeżentah mit-*Trade Test of Bandsman Group 'A' Classes III u II*; (f) issib li l-Kap Kmandant imħarrek mexa b'mala fidi u b'mod irraġonevoli fir-rigward tiegħu; (ġ) issib għalhekk li l-Kap Kmandant imħarrek jaħti għad-danni li huwa ġarrab minħabba tali egħmil; u (ħ) tillikwida d-danni minnu mġarrba u tikkundanna lill-Kap Kmandant imħarrek iħallas id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjez u l-imgħax legali mid-data tal-protest ġudizzjarju tat-28 ta' Novembru, 2011;

Rat id-degriet tagħha ta1-21 ta' Frar, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Marzu, 2012, li biha l-Kap Kmandant imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (a) l-azzjoni ma nfetħitx fi żmien sitt xhur minn mindu twettaq l-egħmil ilmentat u dan bi ksur tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) li l-egħmil li minnu jilminta l-attur ma jaqax fl-ambitu ta' azzjoni ta' egħmil amministrattiv skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda huwa eżerċizzju ta' l-organiżżazzjoni interna; (ċ) l-azzjoni hija nieqsa mill-fundament ġuridiku min-naħa tal-attur billi ma jeżisti ebda dritt li wieħed jingħata promozzjoni; u (d) li l-attur għandu jiddikjara fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex l-imħarrek ikun f'qagħda aħjar illi jwieġeb għaliha. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jmisshomx jintlaqgħu. Fl-ewwel lok, (i) jisħaq li huwa mexa mas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi billi l-promozzjonjiet saru b'mod ġust, skond il-liġi, u b'ħarsien tal-principji tal-ġustizzja naturali. Laqa' wkoll billi qali li, (ii) safejn l-azzjoni tal-attur hija bbazata biss fuq il-kwalifiki miksuba minnu, il-kriterju tal-kwalifiki huwa biss rekwiżit wieħed minn fost bosta maħsuba fil-liġi[2], meta jiġu biex jitqiesu kandidati eliġibbli għal promozzjoni fl-Armata. Minbarra dan, (iii) dwar l-allegazzjoni tal-attur illi l-imħarrek ħalla barra xi informazzjoni mill-'*file*' personali tiegħu, jisħaq li l-attur qatt ma ġibed l-attenzjoni tal-eċċipjent minkejja s-snin twal li kien ilu fl-Armata. Temm billi qal li (iv) ebda danni ma huma dovuti lill-attur skond id-disposizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex huwa ma mexiex b'mala fidi u lanqas b'mod irraġonevoli mal-attur li, f'kull każ, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova l-allegazzjonijiet magħmula minnu;

---

[1] Paġġ 6 – 7 tal-proċess
[2] Jirreferi għar-*Regolamenti tal-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta,* kif emendati (A.L. 91/70)(L.S. 220.03)

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2012[3], fejn ordnat li qabel kull ħaġa oħra kellha ssir it-trattazzjoni tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Kap Kmandant imħarrek;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwarhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta illi kwalifiki akkademiċi li huwa kiseb tul is-snin kemm ilu ingaġġat mal-Armata ma tqisux mill-imħarrek f'każijiet ta' sejħat għal applikazzjoni għal promozzjoni. Jgħid ukoll illi f'dawn l-aħħar żminijiet, sar jaf illi fil-'*file*' personali tiegħu, uħud miċ-ċertifikati qatt ma ddaħħlu jew iddaħħlu u, għal xi raġuni, reġgħu tneħħew, u għalhekk dawk il-kwalifiki tiegħu ma tqiesux biex bihom seta' jingħata l-promozzjonijiet li għalihom applika. L-attur jisħaq illi b'riħet dawk il-kwalifiki li huwa kiseb, kellu jinħeles milli joqgħod għal xi testijiet, iżda din l-eżenzjoni ngħatatlu biss fis-sena 1999. Jgħid li hu kien intotalat għaliha sa mis-sena 1990. L-attur jilmenta wkoll illi qed jiġi mċaħħad bla ebda raġuni tajba milli jagħmel l-ogħla *Trade Test* bħala bandist fil-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta. L-attur qiegħed jitlob li l-imħarrek jagħtih il-promozzjonijiet li huwa ma ngħatax u li dan jagħtihomlu b'effett retroattiv. Irid ukoll li l-imħarrek jitqies ħati tad-danni li huwa ġarrab minħabba li nqabeż u li l-Qorti tillikwida tali danni u tikkundanna lill-imħarrek iħallsahom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' b'għadd ta' eċċezzjonjiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qal l-azzjoni ma nfetħitx fi żmien sitt xhur minn mindu twettaq l-egħmil ilmentat u dan bi ksur tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) li l-egħmil li minnu jilminta l-attur ma jaqax fl-ambitu ta' azzjoni ta' egħmil

[3] Paġ 33 tal-proċess

amministrattiv skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda huwa eżerċizzju ta' l-organiżżazzjoni interna;

Illi s-sentenza tal-lum qiegħda tingħata dwar dawn l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-attur ilu membru fl-Armata sa minn Mejju tal-1989 bħala *gunner*. Minħabba xi kwalifiki li kellu, kien assenjat mill-ewwel mal-banda tal-Forzi Armati ta' Malta u għandu l-grad ta' bumbardier. Tul iż-żmien li ilu ngaġġat fl-Armata, ingħata promozzjoni darbtejn biss: fl-2001 minn *gunner* għal *lance bombardier* u f'Diċembru tal-2007, minn *lance bombardier* għal *bombardier* għalkemm jgħid li, għall-kuntrarju ta' dak li ġara dwar uħud minn sħabu, ma ngħatax dik il-promozzjoni b'lura imma b'seħħ minn Jannar tal-2008. Tul is-snin resaq għal diversi eżamijiet u ġab diversi kwalifiki akkademiċi fil-qasam mużikali kif ukoll dawk tekniċi. Kull meta kiseb xi kwalifika ta' studju, għadda ċ-ċertifikati relattivi lis-superjuri tiegħu biex idaħħluhom fil-'*file*' tiegħu;

Illi, minkejja dawn il-kwalifiki u dan it-titjib, jgħid li nqabeż bosta drabi meta saru eżerċizzji ta' promozzjoni minn irġiel oħrajn li kellhom anqas kwalifiki minnu jew saħansitra ta' anzjanità anqas minnu li kienu daħlu fil-Forzi Armati warajh. Huwa jgħid illi b'mod regolari inqabeż f'eżerċizzji ta' promozzjonji li ssejħu tul iż-żmien;

Illi f'Novembru 2011 sar jaf illi wħud miċ-ċertifikati ta' diplomi jew kwalifiki li huwa kiseb qatt ma tpoġġew fil-'*file*' personali tiegħu (jew, jekk kienu tqiegħdu, xiħadd neħħihom mill-'*file*' imsemmi) jew iddaħħlu fih bosta snin wara, minkejja illi huwa kien għadda kopji tagħhom lis-superjuri tiegħu;

Illi l-attur jgħid illi bħala bandist kien intitolat li jiġi eżentat milli joqgħod għal xi eżamijiet sa mis-sena 1990, iżda kien biss fis-sena 1999 illi ġie eżentat mill-Armata. L-attur jilmenta illi tul il-karriera tiegħu mal-Armata ressaq diversi *Soldier's Requests* lis-superjuri tiegħu fil-Banda tal-Armata sabiex joqgħod għal *Trade Test of Bandsman Group A Class 1*, iżda t-talbiet tiegħu ma ntlaqgħux bla ma ngħata raġuni tajba għaliex dan sar[4];

Illi l-attur jgħid li sabiex persuna tiġi promossa skond il-proċeduri interni fl-Armata, trid tiġi rakkomandata minn superjur biex tingħata l-promozzjoni u li din ir-rakkomandazzjoni tkun imniżżla fl-*Annual Confidential Report* dwar kull raġel fl-Armata[5]. Il-proċedura marbuta mal-eżerċizzju tal-promozzjonjiet hija waħda interna, u l-Armata timxi fuq bażi ta' *Rank Establishment* li jispeċifika kemm għandu jkun hemm postijiet f'kull rank

[4] Affidavit ta' l-attur f'paġġ 18 sa 22 tal-proċess
[5] Affidavit tal-Logotenent Carmel Mercieca mmarkat bħal dok. "AFM2" f'paġ. 38 tal-proċess

individwali. Il-proċedura, il-kriterji meħtieġa, u l-mod kif ssir l-evalwazzjoni ta' applikazzjoni għal promozzjoni huma lkoll stabbiliti fi ktejjeb "*The Soldier's Career Handbook",* li kopja tiegħu ngħatat lil kull suldat fis-sena 2009[6];

Illi fit-28 ta' Novembru, 2011 l-attur bagħat protest ġudizzjarju lill-imħarrek bl-ilmenti tiegħu, ta' liema att ġudizzjarju l-imħarrek laqa' n-notifika fid-29 ta' Novembru, 2011[7];

Illi fid-9 ta' Frar, 2012 infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbuta maż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami jduru mal-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-ilment tal-attur u s-siwi tal-azzjoni mressqa minnu;

Illi bl-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-azzjoni attriċi ma tistax tissokta għaliex din ma tressqitx fi żmien sitt xhur mill-egħmil li tiegħu qiegħed jintalab l-istħarriġ, kif huwa meħtieġ li jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[8], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Iż-żmien jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel[9]. Għaldaqstant il-protest ġudizzjarju tat-28 ta' Novembru 2011 f'dan is-sens m'għandu ebda effett biex iwaqqaf iż-żmien li l-attur kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biex jiftaħ din il-kawża;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-mertu tal-azzjoni tal-attur irid jitqies fid-dawl tat-talbiet tiegħu u tal-premessi għalihom kif jinsabu mfissra fir-Rikors Maħluf. Minn qari ta' dak l-att ġudizzjarju, il-Qorti tqis illi l-ilmenti ewlenin tal-attur huma tlieta: (i) dak marbut mat-tagħrif fil-"*file*" tiegħu għar-rigward taċ-ċertifikati miksuba minnu, u għaldaqstant l-ilment dwar l-aġir ta' l-imħarrek meta ħalla barra tali tagħrif mill-"*file*" tiegħu jew neħħa tali tagħrif; (ii) dak marbut mat-*Trade Test of Bandsmen Group "A", Classes III u II*; u (iii) dak marbut mat-*Trade Test of Bandsman Group "A" Class I*;

[6] Affidavit tal- Kurunell Martin Bondin mmarkat bħala dok. "AFM1" f'paġ. 37 tal-proċess
[7] *ibid*
[8] Ara fost l-oħrajn P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Dentist Gerard Żammit vs Awtorità tal-Ippjanar*** (mhix ippubblikata); P.A. GV **27.6.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et;*** App. Ċiv. **31.5.2002,** fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***; App. Ċiv. **7.10.2005**, fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru***; P.A. (Għ) PC **10.11.2008**, fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi vs L-Awtorità tat-Turiżmu et***; u App. Ċiv. **19.5.2009**, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pietà***
[9] Art. 469A(3)

Illi, madankollu, l-attur jorbot dawn it-tliet ilmenti mal-eżerċizzji tal-għoti ta' promozzjonijiet li ssejħu minn żmien għal żmien fl-Armata minn mindu kien ingaġġat, u għall-għadd ta' drabi li huwa ma ngħatax promozzjoni f'dawk l-eżerċizzji. Huwa minnu wkoll illi l-attur jilmenta illi, għal aktar minn darba, huwa nqabeż milli jingħata promozzjoni, meta suldati oħrajn b'anqas kwalifiki u anqas anzjanità minnu ġew promossi. Jilminta wkoll li, kull meta talab spjegazzjoni, huwa dejjem ġie mgħarraf li ma kellux kwalifiki biżżejjed, iżda l-attur jorbot dan mal-ewwel ilment tiegħu billi jgħid illi mhux il-kwalifiki kollha ġew meħuda kont tagħhom fl-ipproċessar tal-applikazzjonjiet tiegħu għaliex uhud mill-kwalifiki ma kinux iddaħħlu fil-'*file*' personali tiegħu[10];

Illi l-Qorti għaldaqstant sejra tqis it-tliet ilmenti wieħed wieħed sabiex tara jekk għandhiex is-setgħa illi tistħarreġ l-ilmenti tal-attur fl-isfond tal-artikolu 469A(3) li jsejjes l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek;

Illi f'waħda mill-premessi tar-Rikors Maħluf, l-attur jgħid illi "reċentement" huwa sar jaf illi l-imħarrek ħalla barra mill-'*file*' tiegħu tagħrif dwar il-kwalifiki miksuba minnu. Fl-affidavit, l-attur jispeċifika illi hu sar jaf bin-nuqqas min-naħa ta' l-imħarrek f'Novembru, 2011, wara li ngħata "informazzjoni kunfidenzjali"[11]. Jgħid ukoll li fis-7 ta' Frar, 2012[12], huwa ikkonferma mal-OC li kien tabilħaqq il-każ li wħud mill-kwalifiki li huwa kien għarraf bihom lill-Armata ma kinux jinsabu fil-'*file*' tiegħu. Il-kawża nfetħet jumejn wara li l-attur iltaqa' mal-OC u mqar tliet xhur wara li ngħata t-tagħrif kunfidenzjali;

Illi, madankollu, bla ma l-Qorti tnaqqas xejn mis-serjetà tax-xiljiet li l-attur qiegħed jagħmel, dan l-ilment tiegħu ma jistax ma jintrabatx maċ-ċirkostanzi tal-bosta eżerċizzji ta' promozzjoni li saru fi ħdan fil-Forzi Armati u li kienu jinteressaw lill-attur. Kemm hu hekk, it-tielet u l-ħames talbiet attriċi jintrabtu mal-promozzjonijiet li huwa jgħid li jmissu ngħata u li baqa' ma ngħatax. Bħal kull azzjoni oħra ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-egħmil attakkat irid ikun wieħed fattwali u mhux eżerċizzju astratt dwar xi egħmil mistħajjel;

Illi mill-provi mressqa mill-imħarrek[13] joħroġ li, qabel ma nfetħet il-kawża, l-aħħar eżerċizzju ta' promozzjoni fi ħdan l-Armata li kien jinteressa lill-attur kien sar f'Ottubru tal-2010 u r-riżultat ixandar f'Mejju tal-2011. Ikompli joħroġ mill-imsemmija provi li, wara dak l-eżerċizzju, kull raġel kien mgħajjat mis-superjur tiegħu biex jara l-*Annual Confidential Report* u jiddiskutih qabel jagħżel li jiffirmah. Dan ifisser li, tħares lejn fejn tħares, l-

[10] Ara l-ewwel tlett talbiet, bit-tielet talba (dik marbuta maċ-ċaħda ta' promozzjonijiet), bħala konsegwenza tal-ewwel tnejn (li huma marbuta mal-egħmil tal-imħarrek)
[11] Affidavit tal-attur f'paġ. 19 tal-proċess
[12] Affidavit ta' l-attur f'paġ. 21 tal-proċess
[13] Ara Dok "AFM2", f'paġ. 38 tal-proċess

eqreb egħmil li din il-Qorti tista' tistħarreġ biex tindirizza l-ilmenti tal-attur b'mod konkret ġara aktar minn disa' xhur qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi l-artikolu 469A(3) jorbot iż-żmien perentorju tas-sitt xhur "minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv". Mill-provi mressqa mill-imħarrek – u li l-attur ma miera bl-ebda mod – ladarba l-attur ingħata l-opportunità li jikkonsulta l-*Annual Confidential Report* tiegħu minnufih wara dak l-eżerċizzju ta' promozzjoni, seta' ntebaħ dakinhar bin-nuqqasijiet tat-tqegħid fil-'*file*' tiegħu tal-kwalifiki li kien kiseb matul iż-żmien. Wara kollox, l-attur innifsu jgħid li kien waqt li kien qiegħed jiddiskuti l-*A.C.R.* tiegħu mal-OC fl-2011 li irriżultalu li fil-'*file*' personali tiegħu, kien hemm ċertifikati nieqsa. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tqis li dak li l-attur jgħid li sar jafu b'informazzjoni kunfidenzjali f'Novembru tal-2011 u mill-aċċertament mal-laqgħa tiegħu mal-OC fi Frar tal-2012, seta' jew messu jkun jafu meta iddiskuta l-*A.C.R.* wara l-eżerċizzju tal-promozzjonijiet fl-2010;

Illi, minbarra dan, fl-affidavit tiegħu, l-attur jgħid li bosta mid-dokumenti jew ċertifikati tal-kwalifiki tiegħu, iddaħħlu fil-'*file*' personali tiegħu fl-2006 jew fl-2007[14]. Jekk dan huwa tabilħaqq minnu, jiġi li f'minn tal-anqas tliet eżerċizzji tal-promozzjonijiet li saru wara (2008, 2009 u 2010), dak it-tagħrif kien fil-'*file*'. Jekk inhu hekk, tali prova xxejjen waħda mill-kawżali ewlenin li fuqhom l-attur innifsu jibni t-talbiet tiegħu;

Illi fir-rigward tat-tieni lment tal-attur (jiġifieri, dak marbut mat-*Trade Test* li ġie mitlub li joqgħod għalih) minn kliem l-attur hu ġie eżentat minn dan it-test fis-sena 1999. Il-Qorti tqis illi d-dispożizzjonijiet dwar l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva skond l-artikolu 469A iddaħħlu bħala parti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fis-sena 1995[15], filwaqt illi l-*Armed Forces of Malta Trade Regulations* ilhom fis-seħħ sa mis-sena 1976. Għaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi l-ilment ta' l-attur illi huwa kellu jigi eżentat milli joqgħod għal dan it-test sa mis-sena 1990 ma jistax jiġi mistħarreġ minnha ġaladarba l-attur seta' ressaq l-ilment tiegħu sa mis-sena 1999, u minn dak iż-żmien sa ma għażel li jiftaħ il-kawża tallum dwar dak l-ilment kien laħaq għadda sewwa ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-istess Kodiċi;

Illi mbagħad, fir-rigward tat-tielet ilment marbut mas-*Soldier's Requests* sabiex joqgħod għal *Trade Test of Bandsman Group A Class 1*, iżda għal ebda raġuni, t-talbiet tiegħu ġew rifjutati, ma jirriżultax illi tressqet prova mill-attur illi tali rifjut ingħata tal-anqas sitt xhur qabel il-ftuħ ta' din il-kawża.

[14] Affidavit tiegħu, f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[15] A.L. 131 tal-1995

F'kull każ, dak li jitlob l-attur fir-raba' talba tiegħu ma jistax jinqata' minn dak li jitlob fl-azzjoni kollha. U jekk naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien li tagħtih il-liġi, l-ebda talba ma tista' tintlaqa';

Illi għalhekk minn dak li ngħad u mill-konsiderazzjonijiet li saru, joħroġ illi l-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek hija tajba u l-Qorti sejra tilqagħha;

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ma jifdal l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti tgħaddi biex tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Kap Kmandant imħarrek u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien mogħti mill-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti ma tistax aktar tistħarreġ l-egħmil amministrattiv attakkat mill-attur;

**Tiċħad it-talbiet attriċi**; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imhallef**

**16 ta' Mejju, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Mejju, 2019**

16 ta' Mejju, 2019